**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Revoka Nru **205/2024 (AD)**

**Fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat Nru 563/2021 (AD) fl-ismijiet**

**MARY MAGĦRUFA BĦALA MARIELLA GALEA (KI 0183367M) U OĦTHA JOSEPHINE ANNE MAGĦRUFA BĦALA JOSIANNE SCERRI (KI 529361M)**

**U**

**GIUSEPPA DEL VOLTO SANTO MAGĦRUFA BĦALA JOSEPHINE CINI (KI 554333M)**

**vs**

**ANETTE AZZOPARDI (KI 485682M)**

**wara Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 289/2024 fl-ismijiet inversi, akkordat fl-20 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' Mary sive Mariella Galea, Josephine Anne sive Josianne Scerri u Giuseppa del Volto Santo magħrufa bħala Josepine Cini, magħmula ai termini tal-artikoli 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 289/2024;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar it-lieta u għoxrin (23) ta' Marzu 2024, Mary sive Mariella Galea u Josephine Anne sive Josianne Scerri talbu lil din il-Qorti sabiex:

   (a) Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja, tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru numru 289/2024 fl-ismijiet *Anette Azzopardi (KI 485682M) vs Mary sie Mariella Galea (KI 183367M) et* għandu jiġi revokat in toto stante li huwa totalment irraġonevoli li jinżamm fis-seħħ, ma huwiex meħtieġ sabiex jissalvagwardja l-pretensjonijiet tal-konvenuta sekwestranti u wisq iktar ma huwiex ġustifikabbli, u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

   (b) Konsegwentement, tordna illi l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 289/2024 fl-ismijiet suċitati m'għandux jibqa' fis-seħħ u tawtorizza l-ħruġ tal-opportun kontro-mandat;

   (c) Tikkundanna lis-sekwestranti konvenuta li fuq talba tagħha inħareġ il-mandat ta' sekwestru bin-numru 289/2024, sabiex tħallas penali ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) iżda fi kwalunkwe każ, mhux inqas minn elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u tordna li l-

imsemmija penali jitħallsu lir-rikorrenti odjerni li kontra tagħhom inħareġ dan l-att kawtelatorju;

(d) Tikkundanna u tordna lis-sekwestranti konvenuta, li fuq talba tagħha inħareġ il-mandat ta' sekwestru bin-numru 289/2024 sabiex tħallas dawk id-danni kollha lir-rikorrenti li huma ġarrbu u/jew sejrin iħarrbu bil-ħruġ tal-mandat *de quo*;

3. B'risposta datata ħdax (11) ta' Marzu 2024, l-intimata Anette Azzopardi opponiet għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, u dan għal diversi raġunijiet, kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem.

**It-Talba għal Revoka mis-Sekwestrati**

4. Permezz ta' rikors preżentat nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2024, is-sekwestrati ppremettew illi huma intavolaw kawża kontra s-sekwestranta Anette Azzopardi fil-kwalita' tagħha ta' eredi universali ta' Giuseppe Cini, u dan għas-sehem riservat spettanti lilhom mill-eredita' ta' Giuseppe Cini, u cioe r-raġel tas-sekwestrata Giuseppa sive Josephine Cini u missier is-sekwestrati l-oħra. Mar-risposta ġuramentata tagħha, is-sekwestranta intavolat ukoll kontro-talba, illi permezz tagħha allegat illi hija u żewġha kienu rrendew serviġi lil Giuseppi Cini, u għalhekk talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-kumpens dovut lilha u lil żewġha għal dawk is-serviġi għandu jitqies bħala kreditu kontra l-assi ereditarji tiegħu, u għandu jitnaqqas minn kull valutazzjoni li ssir għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-porzjoni riservata;

5. Jidher illi l-akbar ass ta' valur li kellu d-defunt kien jikkonsisti fin-nofs indiviż pertinenti lilu mid-dar matrimonjali tiegħu, miżmum in komunjoni ma' martu s-sekwestrata Giuseppa Cini, u s-sekwestrati kienu intavolaw u ottjenew mandat t'inibizzjoni fuq kwalunkwe bejgħ ta' din il-proprjeta'. Eventwalment, il-partijiet waslu għal ftehim sabiex din il-proprjeta' tinbiegħ lil terzi, u għalhekk il-mandat t'inibizzjoni twaqqa' mis-sekwestrati; madanakollu, sabiex jikkawtelaw u jissalvagwardjaw il-pretensjonijiet

tagħhom xorta, is-sekwestrati intavolaw mandat ta' sekwestru għall-ammont minnhom pretiż, kontra s-sekwestranta. Lejlet li kellu jiġi ffirmat il-kuntratt finali għall-bejgħ tal-proprjeta', is-sekwestranta intavolat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern kontra s-sekwestrati, għas-sorte ta' €45,000 u imgħax ammontanti għal €10,800, u dan sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha fil-kontro-talba;

6. Bir-rikors odjern, is-sekwestrati qed jikkontendu illi l-mandat *prima facie* m'huwiex wieħed ġustifikat u lanqas huwa meħtieġ mis-sekwestranta sabiex tissalvagwardja l-interessi tagħha, u dan stante illi mhux kontestat illi s-sekwestranta hija l-eredi universali ta' Giuseppe Cini, u għalhekk *dato ma non concesso* illi jirriżulta illi s-sekwestranta għandha raġun, hija ma tistax tindirizza talba lis-sekwestrati għal kwalsiasi pretensjoni li għandha, peress illi serviġi huma dejn kontra l-eredita';

7. In oltre, is-sekwestrati qed jinsistu wkoll illi l-mandat ta' sekwestru huwa wieħed malizzjuż, frivolu u vessatorju, u għalhekk din il-Qorti għandha tikkundanna lis-sekwestranta tħallas penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux iżjed minn €6,988.12;

8. Is-sekwestrati talbu għalhekk lil din il-Qorti sabiex:

   (a) Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja, tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru numru 289/2024 fl-ismijiet *Anette Azzopardi (KI 485682M) vs Mary sie Mariella Galea (KI 183367M) et* għandu jiġi revokat in toto stante li huwa totalment irraġonevoli li jinżamm fis-seħħ, ma huwiex meħtieġ sabiex jissalvagwardja l-pretensjonijiet tal-konvenuta sekwestranti u wisq iktar ma huwiex ġustifikabbli, u dan ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

   (b) Konsegwentement, tordna illi l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 289/2024 fl-ismijiet suċitati m'għandux jibqa' fis-seħħ u tawtorizza l-ħruġ tal-opportun kontro-mandat;

(c) Tikkundanna lis-sekwestranti konvenuta li fuq talba tagħha inħareġ il-mandat ta' sekwestru bin-numru 289/2024, sabiex tħallas penali ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) iżda fi kwalunkwe każ, mhux inqas minn elf, mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u tordna li l-imsemmija penali jitħallsu lir-rikorrenti odjerni li kontra tagħhom inħareġ dan l-att kawtelatorju;

(d) Tikkundanna u tordna lis-sekwestranti konvenuta, li fuq talba tagħha inħareġ il-mandat ta' sekwestru bin-numru 289/2024 sabiex tħallas dawk id-danni kollha lir-rikorrenti li huma ġarrbu u/jew sejrin iħarrbu bil-ħruġ tal-mandat *de quo*.

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-Sekwestranta**

9. Mill-banda l-oħra, b'risposta preżentata nhar il-ħdax (11) ta' Marzu 2024, is-sekwestranta Anette Azzopardi eċċepiet:

a. Illi r-raġunijiet miġjuba mis-sekwestrati jmorru lil hinn minn eżami *prima facie* u jistiednu lill-Qorti tidħol fil-kwestjoni fil-mertu;

b. Illi s-sekwestrati ma wrewx kif il-mandat in kwistjoni mhux raġjonevoli jew aktar meħtieġ, u lanqas x'inbidel wara l-ħruġ tal-mandat li jista' jwassal għal bidla fiċ-ċirkostanzi;

c. Illi l-mandat sar għaliex għalkemm it-talba tas-sewkestranta hija sabiex dak dovut lilha jitnaqqas minn dak li jifforma l-massa ereditarja, il-massa ereditarja kollha ġiet depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti, u għalhekk jekk hemm somma ta' flus li għandha tiġi likwidata a favur is-sekwestranta, liema somma preżentement tinsab maqbuda l-Qorti b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju li għamlu s-sekwestrati, u din is-somma tiġi żbankata mill-atturi, ser tiġi preġudikata l-pretensjoni tas-sekwestranta. Dan bil-konsegwenza illi s-sekwestranta jkollha tibda

proċeduri *ad hoc* sabiex tikkawtela dak likwidat favoriha rappreżentanti ħlas ta' serviġi, bħala somma li kellha titnaqqas u li fuqha s-sekwestrati ma kellhomx dritt jitolbu ħlas ta' porzjon riservat;

d. Illi f'dak illi jirriwgarda t-talba għall-penali, it-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata, u l-mandat sar għal valur minimu;

10. Għaldaqstant, is-sekwestranta għalqet billi qalet illi din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tas-sekwestrati bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**Il-Qorti**

11. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet;

12. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tat-tmienja u għoxrin (24) ta' Frar 2024, illi fih ordnat in-notifika tar-rikors odjern lis-sekwestranta b'jumejn żmien għar-risposta, u ddikjarat illi kienet konsegwentement sejra tgħaddi sabiex tipprovdi kameralment fuq il-mertu tar-rikors;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

14. Il-materja in eżami tikkonċerna talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

15. Fl-ewwel lok jiġi mfakkar illi, f'dawk illi huma l-proċeduri ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *[...] il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa*

*wieħed strettament marbut ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 836 filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża. Kif ġie ritenut fil-provvediment finali mogħti fl-ismijiet* ***Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et****: "mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." (Prim' Awla - 10 ta' Mejju 2001).*[1]

16. Ai termini tal-Artikolu 836(1)(f), mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat, *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

17. Hekk kif tajjeb tissenjala s-sekwestranta, taħt l-Artikolu 836(1)(f), jeħtieġ illi tissussisti <u>bidla fiċ-ċirkostanzi</u> illi tirrendi l-att kawtelatorju jew parti minnu superfluwu u inġustifikabbli. Hekk ingħad, *inter alia*, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Andrew Corrieri vs Manti Salvatore noe***[2]:

*Dwar jekk il-mandat għandux jitħassar fiċ-ċirkostanzi għaliex allegatament mhuwiex raġonevoli jew ġustifikat li jinżamm fis-seħħ, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċediment fl-ismijiet* **Spiteri vs Darmanin** *tat tifsira korretta u preċiża tal-artikolu 836(1)(f) fil-provvediment li tat fil-25 ta' Awwissu 2010:*

[1] Rikors Numru 350/2023 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 507/2023, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 5 ta' Ġunju 2023, Onor Imħ R G Mangion
[2] Rikors Numru 439/2021 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 231/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 15 ta' Settembru 2021, Onor Imħ Anna Felice

> *"Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ (ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et").*

*Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

*Finalment, fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet* ***Jamar Malta Limited vs Office Group Limited****, saru dawn ir-rilievi:*

> *"Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet eżekutanti. Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-*

*każ. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta' Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri"; PA. RCP. 30 ta' Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona"; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et.").*"

*Fl-isfond ta dan l-insenjament huwa evidenti li dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini ta' din id-disposizzjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli, liema bdil fiċ-ċirkostanzi jrid jintwera li avveraw ruħhom wara d-data tal-ħruġ tal-mandat.*[3]

18. Applikati l-prinċipji legali delineati fil-ġurisprudenza suriferita għall-każ odjern, din il-Qorti rat illi s-sekwestrati ma ressqu l-ebda prova illi kien hemm xi ċirkostanza li ġrat wara li nħareġ il-mandat ta' sekwestru li per konsegwenza tagħha l-mandat odjern ġie reż mhux meħtieġ jew mhux ġustifikabbli;

19. In oltre, imbagħad, mingħajr preġudizzju għall-premess, f'dak illi jirrigwarda l-punt dwar jekk huwiex raġjonevoli illi l-mandat odjern jibqa' fis-seħħ, din il-Qorti rat illi s-sekwestranta sostniet fir-risposta tagħha għar-rikors odjern illi l-massa ereditarja ġiet maqbuda mill-Qorti bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju intavolat mis-sekwestrati kontra s-sekwestranta. Is-sekwestranta ma ġabitx prova sabiex tissostanzja dak minnha sottomess, iżda fl-istess ħin lanqas ikkontestaw l-istess is-sekwestrati. Anzi, fil-paragrafu 8 tar-rikors odjern huma jgħidu illi intavolaw il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tagħhom, u cioe dak bin-numru 251/2024 *"sabiex jikkawtelaw u jissalvagwardjaw il-pretensjonijiet tagħhom"*. Filwaqt illi huwa minnu illi, hekk kif jikkontendu s-sekwestrati, is-serviġi huma dejn mill-massa ereditarja, huwa risaput illi sabiex jiġi stabbilit il-valur tas-sehem riżervat, għandha l-ewwel issir ir-riunjoni fittizja tal-assi ereditarji, u

[3] Ara wkoll: ***Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et***, Rik Nru 302/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 30 t'April 2015 u ***George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et***, Rik Nru 741/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 22 t'Ottubru 2015

minnhom jinqata' d-dejn[4], inkluż għalhekk is-serviġi dovuti lis-sekwestranta. Jirriżulta għalhekk illi s-sekwestranta għandha dritt *prima facie* illi tikkawtela l-pretensjoni tagħha sabiex taċċerta ruħha illi, fil-każ illi, għal xi raġuni, is-sekwestrati jiġu awtorizzati jiżbankaw l-ammont depożitat taħt l-awtorita' tal-Qorti, sussegwentement tingħata sentenza favorevoli għaliha minn din il-Qorti, u jkun ġie żbankat mir-rikorrenti aktar milli jmisshom f'sehem riservat, id-drittijiet tas-sekwestrata jibqgħu impreġudikati;

20. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi **ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12**.

21. F'dak illi jirrigwarda t-talba tas-sekwestrati sabiex is-sekwestranta tiġi kkundannata tħallas penali jekk jinsab illi t-talba tas-sekwestranta kienet waħda illi saret b'malizja, jew kienet frivola jew vessatorja, fit-termini tal-Artikoli 836(8), din il-Qorti tirrileva illi s-sekwestrati ma ġabu l-ebda prova illi l-mandat kawtelatorju nħareġ in sewgitu għal talba illi saret b'malizja, frivola jew vessatorja. Din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex tiċħad ukoll din it-talba;

22. Finalment, f'dak illi jirrigwarda t-talba tas-sekwestrati sabiex is-sekwestranta tiġi kkundannata tħallas danni lis-sekwestrati, ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Dr Henri Mizzi noe vs Jebmed Srl*** suċitat:

> *Illi dwar il-kwestjoni tal-kundanna għall-ħlas tad-danni, il-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom*

[4] Vide Ċit Nru 25/2006, ***L-Av Dr Chris Said noe vs Mary Abela pro et noe et***, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġursdizzjoni Superjuri, Maġ illum Onor Imħ A Ellul, 29 ta' Frar 2008, kif konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-28 ta' Mejju 2010

*jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutanti f'dan il-każ;*[5]

23. Il-Qorti ssib għalhekk illi t-talba għall-ħlas ta' danni ai termini tal-Artikolu 836(9) **hija irritwali u ma tistax tintlaqa'**.

**Decide**

24. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talbiet imressqa mis-sekwestrati Mary sive Mariella Galea, Josephine Anne sive Josianne Scerri u Giuseppa del Volto Santo sive Josephine Cini permezz tar-rikors datat tlieta u għoxrin (23) ta' Frar 2024.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-sekwestrati.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ħamis, tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2024.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**

[5] Ara wkoll: ***Richard Abdilla Castillo et vs Aaron Mizzi***, Rik Nru 736/2021 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1090/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Neville Camilleri, 26 t'Awwissu 2021